*is-subartikolu 11(3) tal-Kap. 389 – il-proċeduri quddiem it-Tribunal ġew intavolati tardivament ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 389*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 11/2023 LM

**Janet Wendy Attard (K.I. nru. 146875(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Kummissarju tal-Pulizija**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat **Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju appellant'] mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal tar-

Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tar-rikorrenti **Janet Wendy Attard (K.I. nru. 146875(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] billi ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju appellant, u ordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-proċeduri fil-mertu, bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Kummissarju intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellata kienet ippreżentat lill-Kummissarju appellant applikazzjoni għal liċenzja ta' gwardjan privat, iżda permezz ta' ittra tat-22 ta' Diċembru, 2022 hija kienet ġiet infurmata li l-imsemmija applikazzjoni kienet qiegħda tiġi rrifjutata *ai termini* tas-subinċiż (i) tal-para. (a) tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Gwardjani Privati jew Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-raġuni tar-rifjut kienet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [minn issa 'l quddiem 'il-Qorti tal-Maġistrati'] li kienet inqatgħet fid-9 ta' Marzu, 2009.

**<u>Mertu</u>**

3. Fid-9 ta' Marzu, 2009 l-appellata ppreżentat appell quddiem it-Tribunal fejn talbet sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissarju appellant tiġi revokata billi wkoll jordna li għandha tinħarġilha l-liċenzja in kwistjoni, bl-ispejjeż kontrih. Hija ressqet is-segwenti aggravji: (a) ma kien ġie ndikat l-ebda numru ta' rikors jew okkju tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati; (b) bla preġudizzju, il-kriterji tal-artikolu 50 tal-Kap. 9 għandhom japplikaw għall-każ odjern; u (ċ) id-deċiżjoni tal-Kummissarju appellant ikkawżat preġudizzju serju fil-konfront tagħha.

4. Il-Kummissarju appellat wieġeb fl-24 ta' Frar, 2023, fejn preliminarjament eċċepixxa li r-rikors tal-appellata kien ġie ntavolat tardivament, u fil-mertu eċċepixxa li t-talba tagħha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilha permezz ta' ittra datata 21 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha ġiet mgħarrfa bis-segwenti:-*

"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.

Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjal tal-Komunità (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta) peress li jirriżulta li inti instabt ħatja ta' offiża gravi fuq il-persuna.

Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar id-9 ta' Marzu, 2009, dwar offiża ta' natura gravi fost akkużi oħra, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula."

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Kummissarju intimat eċċepixxa illi l-appell tar-rikorrenti huwa tardiv u dan stante li hija rċeviet id-deċiżjoni appellata fit-23 ta' Diċembru, 2022, mentri l-appell ġie ppreżentat fid-9 ta' Frar, 2023.*

*Illi ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tħossha aggravata mir-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għal gwardjan privat, l-istess persuna tista' tippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex tinħareġ il-liċenzja. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahar kalendarju.*

*Illi l-Kummissarju intimat ippreżenta affidavit tal-Ispettur Sarah Magri, Spettur fi ħdan il-Police Licensing Office, li xehdet illi l-Kummissarju intimat informa lir-rikorrenti bir-rifjut tiegħu permezz ta' ittra reġistrata datata 21 ta' Diċembru, 2022. Xehdet illi l-istess ittra waslet għand ir-rikorrenti fit-23 ta' Diċembru, 2022, skont ir-*records *tal-posta reġistrata u li kopja tagħha ġiet esebita bħala Dokument KP1.*

*Illi da parti tagħha, id-difensur tar-rikorrenti saħqet illi m'hemm ebda indikazzjoni li r-*record *tal-posta reġistrata Dokument KP1 proprju jirrelata għall-ittra in kwistjoni. Illi fuq l-istess Dokument KP1 hemm numru ta' referenza RR 434782191MT. Illi però dan in-numru ta' referenza m'hemm ebda indikazzjoni għalih fl-affidavit tal-Ispettur Sarah Magri jew jekk dan in-numru ta' referenza huwa tal-ittra appellata, illi l-istess ittra ġiet imqassma lir-rikorrenti jew lil xi persuna awtorizzata minnha.*

*Illi t-Tribunal iqis li r-rikorrenti għandha raġun fl-argument imressaq minnha. Illi dan it-Tribunal m'għandux quddiemu l-aħjar prova illi l-ittra li għaliha hemm referenza f'Dokument KP1 hija fil-fatt l-ittra li ntbagħtet lir-rikorrenti bid-deċiżjoni appellata. Lanqas ma t-Tribunal għandu prova illi l-istess ittra tqassmet lir-rikorrenti. Tali prova riedet issir billi jittella' uffiċjal tal-Maltapost u jixhed dwar dawn id-dettalji.*

*Illi għalhekk it-Tribunal iqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat ma ġietx ippruvata skont il-liġi u se tiġi miċħuda."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Il-Kummissarju appellant wara li ngħata d-debitu permess mit-Tribunal, ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-konfront tas-sentenza parzjali fis-26 ta' Lulju, 2023 fejn qed jitlob sabiex din il-Qorti:

*"...tħassar is-sentenza parzjali tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet Janet Wendy Attard vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fl-2 ta' Mejju 2023 u tilqa' l-aggravju tal-appellant u konsegwentament tiddikjara illi l-kawża odjerna ġiet intavolata* fuori termine *ai termini tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta."*

L-aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal ma kienx korrett meta wasal għall-konklużjoni li ma ġiex ippruvat li l-kawża kienet saret *fuori termine.*

7. L-appellata għażlet li ma tweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tal-Kummissarju appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mit-Tribunal permezz tas-sentenza appellata. Il-Kummissarju appellant filwaqt li jagħmel riferiment għall-artikolu 11 tal-Kap. 389, jissottometti li sabiex tirnexxi l-ewwel eċċezzjoni tiegħu huwa kellu juri evidenza tad-data tan-notifika tal-ittra bl-avviż tar-rifjut tal-applikazzjoni u li l-imsemmija data kienet qabel id-9 ta' Jannar, 2023, sabiex b'hekk juri li l-kawża kienet ġiet intavolata *fuori termine.* Jikkontendi li għall-kuntrarju ta' dak li ppretenda t-Tribunal, l-affidavit ġuramentat tal-Ispettur Magri, flimkien mat-*tracking history* u r-*record* fejn kien hemm indikat t-*tracking number* RR434782191MT li kien jikkorrispondi għall-ittra indirizzata lill-appellata kif notifikata fit-23 ta' Diċembru, 2022, kienu biżżejjed bħala prova *ai termini* tal-liġi f'kawża bħal dik odjerna. Il-Kummissarju appellant jirrileva li din mhijiex l-ewwel kawża fejn saret eċċezzjoni ta' din in-natura u fejn il-Qorti kellha tistrieħ fuq il-prova tal-Ispettur u t-tracking history tal-Maltapost sabiex jiġi ppruvat meta saret in-notifika, u ma kienx hemm għalfejn jitħarrek xhud tal-Maltapost, li wara kollox kien ser jippreżenta l-istess dokumentazzjoni ppreżentata mill-Ispettur. Isostni li l-appellata min-naħa tagħha ma ressqet l-ebda prova kuntrarja sabiex tikkontradixxi d-data tan-notifika tat-23 ta' Diċembru, 2022, u lanqas ikkontestat u/jew għamlet kontro-eżami tax-xhieda tal-Ispettur u tad-dokumentazzjoni ppreżentata minn din tal-aħħar li tinsab ukoll fid-dominju pubbliku għaliex jista' jfittixha kulħadd fis-sit elettroniku tal-Maltapost. Il-Kummissarju appellant jirrileva li l-appellata stess fir-rikors

promotur tagħha timplika li hija kienet ġiet notifikata bid-deċiżjoni kkontestata, meta tgħid li l-ittra kienet ġiet *"mibgħuta mill-Kummissarju tal-Pulizija (fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru li għadda ...",* u għalhekk it-Tribunal kellu jieħu in konsiderazzjoni ta' dan il-fatt. Il-Kummissarju appellant jikkontendi li f'kawżi ta' indoli ċivili, l-apprezzament tal-provi għandu jsir fuq bilanċ ta' probabbilità, u hawnhekk il-miżien ma seta' qatt ixaqleb lejn l-appellata u kontra tiegħu. In sostenn ta' dan l-argument tieħgu, huwa jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordimaina Medici et *vs.* William Rizzo et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta' April, 2004, u anki għal dak li fisser Lord Denning J. fil-każ fl-ismijiet **Miller v. Minister of Pensions** ([1947] 2 All ER 372). Huwa ċċita fit-tul l-insenjament ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, kif spjegat fis-sentenza tagħha tat-12 ta'April, 2007 fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**. Fid-dawl ta' dan kollu jissottometti li għalkemm l-oneru tal-prova sussegwentement waqa' fuq l-appellata, din naqset milli tipprova dak li l-Qorti fis-sentenza suċitata għamlet riferiment għalih bħala *reus in excipiendo fit actor.* Il-Kummissarju appellant jikkontendi li t-Tribunal kien skorrett meta warrab il-livell probatorju tal-evidenza li huwa kien ressaq, u anki meta rrileva li fl-affidavit tal-Ispettur ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tan-numru ta' referenza tat-*tracking* tal-ittra. Jispjega li fl-affidavit imsemmi kien hemm riferiment għal Dok. KP1 anness miegħu, u hawnhekk kien hemm iċċitat it-*tracking number* tal-ittra flimkien ma' dokument ieħor b'irċevuta interna tal-Korp tal-Pulizija li jagħti l-istess *tracking number.* Il-Kummissarju appellant isostni li mhux ġustifikat u raġonevoli l-formaliżmu żejjed u strett applikat fil-konfront tiegħu, u dan partikolarment meta l-istess ma ġiex applikat fil-konfront tal-appellata. Jikkontendi li t-Tribunal kien ukoll żbaljat meta nsista li l-aħjar prova kellha ssir

permezz ta' xhud tal-MaltaPost, għaliex kif jaf sew it-Tribunal li kien ittratta diversi kawżi oħra bħal din, dan ix-xhud kien ser jippreżenta l-istess dokument konsistenti fit-*tracking history*. Jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jgħid li fuq bilanċ ta' probabbiltà m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-appellata kienet ġiet notifikata bl-ittra ta' rifjut fit-23 ta' Diċembru, 2022, u għaldaqstant l-azzjoni tagħha kienet ġiet ippreżentata *fuori termine.*

9. Wara li kkunsidrat il-provi li ressaq il-Kummissarju appellant in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu, il-Qorti tgħid li tassew it-Tribunal kellu jammetti dawk il-provi bħala suffiċjenti għall-fini tal-prova tan-notifika tal-appellata bl-avviż ta' rifjut tal-applikazzjoni tagħha. Tagħraf li l-appellata min-naħa tagħha naqset milli tikkontesta permezz ta' kontro-eżami u/jew tax-xhieda tagħha stess, kemm ix-xhieda tal-Ispettur Sarah Magri ppreżentata permezz tal-affidavit tagħha 'Dok. KP 2', u anki d-dokument 'Dok. KP1' anness mal-istess affidavit fejn isir riferiment ċar għalih. Kif sewwa jirrileva l-Kummissarju appellant, fir-rikors promotur tagħha hija stess tammetti li l-ittra ta' rifjut li l-Qorti tosserva għandha d-data ta' 21 ta' Diċembru, 2022, kienet intbagħtet lilha fit-22 ta' Diċembru, 2022.

10. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tal-Kummissarju appellant ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-Kummissarju appellant, tħassar is-sentenza *in parte* tat-Tribunal, filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni**

**tiegħu billi tiddikjara li l-proċeduri quddiem it-Tribunal ġew intavolati tardivament *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 389.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**